**ĦAL TARXIEN**

**MINUTI**

**GVERN LOKALI ĦAL TARXIEN**

IS-SEBA' LEĠISLATURA 2013 - 2019

**SEDUTA NUMRU 89/07**
It-Tnejn 17ta' Diċembru 2018 fil-5.30pm fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali f'73 Triq Santa Marija, Tarxien.

**PREŻENTI**

| | | |
|---|---|---|
| *PAWLU FARRUGIA* | *SINDKU* | |
| *KEITH DARMANIN* | *VIĊI SINDKU* | |
| *FRANCIS AGIUS* | *KUNSILLIER* | |
| *LAWRENCE BONAVIA* | *KUNSILLIER* | |
| *ISHMAEL DALLI* | *KUNSILLIER* | |
| *DORIS VELLA* | *KUNSILLIER* | |
| *LUKE GENUIS* | *KUNSILLIER* | |
| *TRISTAN MERCIECA* | *AMBAXXATUR VOT16* | *SKUŻAT* |
| *ANTONELLA GALEA* | *SEGRETARJU EŻEKUTTIV* | |

## AĠENDA

89.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
89.4 Għażla ta' Żewġ Kandidati għall-mili taż-żewġ vakanzi għall-Asst. Skrivan
89.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
89.6 Rapporti;
89.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 74/07;
89.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Sotto Kumitati;
89.9 Mozzjonijiet
89.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

**TALBA**
**Is-Sindku qal it-talba u ppresieda l-laqgħa.**

## 89.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġijia

**i.** Is-Seg. Eżek. infurmat lill-Kunsill li ma kienx hemm ittri ta' apoloġija f'din il-laqgħa. Ittri ta' Apoloġija

## 89.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Iffrmar tal-Minuti

**i.** Il-Minuti Nru. 89/2018 tad-29 ta' Novembru 2018 ittieħdu bħala moqrija peress li kienu ċċirkulati minn qabel. Il-Minuti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

## 89.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

**i.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li qabel din il-laqgħa tal-Kunsill Lokali kienet imsejħa wkoll il-laqgħa pubblika għas-sena 2018. Irrimarka li reġa din is-sena wkoll ma kienx hemm ħadd preżenti min-naħa tal-pubbliku. Laqgħa Pubblika 17/12/19 5:00pm

**ii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fir-rigward tal-Perit Chris Mintoff Building & Design Consultants is-sitwazzjoni kienet ftit jew wisq l-istess hekk kif irrapurtat fil-laqgħat preċedenti. Żied jgħid is-Sindku li saħansitra kellu jerġa joqgħod iċempillu hu biex jgħidlu li x-xogħol fuq Triq il-Kbira kien lest u għaldaqstant sabiex imur jiċċertifikah. Perit Mintoff

**iii.** Rigward it-turf tal-ground 5 aside s-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna l-istess hekk kif kien irrapurtat fl-aħħar laqgħat. Sadanittant il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u ddeċieda li nkelmu l-avukat. Turf tal-ground 5 aside

**iv.** Is-Sindku Paul Farrugia qal li konna għadna qed nistennew mingħand Infrastructure Malta dwar il-bidu tax-xogħol fuq it-toroq Żejtun u Sorijiet. Toroq Zejtun u Sorijiet – Minn Infrsastructue Malta

**v.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna għadna qed nqassmu l-boroż ħodor mixtrija mill-Kunsill. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li l-WASTESERV kienu ikkuntatjaw l-AKL sabiex jibdew jitqassmu il-boroż il-bojod għall-iskart organiku mill-Kunsilli Lokali u dwar dan l-AKL kienet aċċettat. Xiri ta' Boro ħodoru tqassim tal-boroż tal-iskart organiku

**v.i.** Rigward ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv. Is-Seg. Eżek. reġgħet infurmat lill-Kunsill li għal darb'oħra d-DLG kien reġa bgħat reminder dwar dan. ĊIRKOLARI 16/2016 – Ħatra ta' Deputat Seg. Eżek.

Il-Kunsill għal darb'oħra qabel li jibqgħu mad-deċiżjoni li jistennew direzzjoni mingħand l-Assoċ. Kunsilli Lokali.

**vi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li wara li fir-rigward tal-bus shelters kienet saret il-laqgħa konna bdejna bl-applikazzjoni kif maqbul fil-laqgħa preċedenti. Bus Shelter Triq Palma - Applikazzjoni

**vii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-Bus Shelter ta' Triq Tarxien kien lesta l-applikazzjoni sabiex setgħa jmexxi. Il-Kunsill qabel li mmexxu bil-proċedura sabiex dan il-bus shelter isir. Bus Shelter – Triq Tarxien

**viii.** Rigward Blokka appartamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura s-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għadu kollox l-istess hekk kif irrapurtat lilhom fil-laqgħa preċedenti. Blokka apaprtamenti ġodda fi Triq San Mikiel Fgura

ix. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet għalqet is-sejħa għall-offerta ġdida għax-xogħol relatat għall-Open Air Gym fi Ġnien Kurunell Mass u kienet ġiet sottomessa offerta waħda li kienet għal-valur ta' €285,124.00 VAT Eskluż. Żied jispjega s-Sindku li ladarba jgħaddu lfesti konna ser immexxu bil-proċedura kif suppost ma' dan l-offerant. Tender - Ameljorament ta' Ġnien Kurunell Mass

x. is-Sindku nforma lill-Kunsill li fejn sar il-Fencing/Gates f'Misraħ Buleben, kien hemm partijiet fejn iċ-ċint kien baxx u kien xorta waħda ta' periklu u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jsir fence ieħor tal-ħadid. Żied jispjega s-Sindku li kien ġab kwotazzjoni dwar din il-fencing. Il-Kunsill iddiskuta l-każ u unanimament qabel li dan isir minħabba l-periklu li jeżisti. Fencing – Misraħ Buleben

xi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien deher il-Qorti minħabba kumment fuq il-facebook nhar -il 15 ta' Mejju 2018. Waqt is-smiegħ tas-seduta l-avukat tal-akkużat talab jekk kienx biżżejjed li jitlob skuża fuq il-paġna tal-Kunsill fuq FACEBOOK. Din it-talba l-Magistrat ma aċċettahiex kompletament. Għalkemm approva li l-imputat jitlob skuża pubblika, xorta waħda ser ikompli bil-kawża u għal darb'oħra kien reġa ddifferixxa għax kien imsiefer. Kawża l-Qorti

xii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li konna bgħatna lit-TM it-talba fejn konna qed nissuġġerixxu li Triq Dejma tigi kollha *one way* u min ikun irid jidħol lejn il-Bank HSBC jkun irid jinżel Kurunell Mas u jdur mar-roundabout u jidħol Triq Leonardu Abela u joħroġ għal Triq Żejtun u jkun jista jew idur għal Triq il-Kbira jew inkella jibqa sejjer dritt fi Triq Iż-Żejtun fl-area ta' Ġnien Kurunell Mas. Traffic Maangement – Area Ġnien Kurunell Mas

xiii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien għad ma kellux risposta dwar l-applikazzjoni għal fondi tal-UIF għal triq il-Kbira. Qal li kien reġa kellem lill-Ministru kif ukoll liċ-Chairman ta' Infrastructure Malta li l-PA kienet qabdet u ddecidiet u għaldaqstant kellom jkelmuhom huma. Dan il-każ kien ukoll reġa tqajjem mill-AKL. Pero żied jgħid li ladarba jkun iċċertifikat ix-xogħol ta' triq il-Kbira mill-perit huwa xorta waħda ser imur għand l-Awtorita' tal-Ippjanar. *UIF – Triq il-Kbira*

xiv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien avviċinah l-Onor. Silvio Parnis u nfurmah li kien ser jagħmel Triq l-Isqajjaq kollha. Is-Sindku qallu li ma kienx isib oġġezzjoni li din issir ladarba s-servizzi kellom jinbidlu kollha wkoll. Sadanittant żied jgħid li wara l-festi kellu jiġi kkordinat meeting mal-Entitajiet kollha flimkien . Ameljorament ta' pjazza f'Misrah Brittania

xv. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu għadhom għaddejjin l-inspections mill-MCCAA sabiex jagħmlu survey fil-playing fields l-oħra fir-raħal sabiex jindikawlna x'kien hemm bżonn isir. Survey MCCAA

xvi. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kien baqa ma kellux risposta mingħand il-kuntrattur tagħna dwar il-ġonna li ma kellhomx arloġġ tad-dawl installat u għaldaqstant kien qed jissuġġerixxi li jipprova jsib lill-ħaddieħor. Applikazzjonijeit arloġġ tad-dawl fil-ġonna

xvi.i Il-Kunsill iddiskuta dan il-każ u unanimament qabel li jsir kif propost.

xvii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar il-BEREĠ kien ġie iffirmat l-Agreement. *Berġa – Ħal Tarxien*

xviii. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-bins il-ħodor kienu tqassmu minn ġewwa l-garaxx tal-Kunsill mill-ħaddiema li għandna assenjati magħna taħt l-iskema CWS. Sadanittant żied jgħid is-Sindku li ladarba naslu għal bins l-oħra l- Bins għas-separazzjoni tal-Iskart

kbar kien qed jissuġġerixxi li dawn ma jitqassmux mill-Kunsill. Il-Kunsill qabel unanimament mas-Sindku.

**xix.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li fl-2019 kien ser jitkompla l-ġbir tat-tessuti bieb bieb minn Malta Textile. Ġbir tat-tessuti

**xx.** Is-Sindku Paul Farrugia nforma lill-Kunsill li dwar il-proposta li fi triq San Franġisk f'area li mhix mibnija, jittella' monument għad unur l-Iskultur Renzo Gauci kien għadu qed jistenna mingħand il-Perit tagħna. Monument – Renzo Gauci

**xxi.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-permessi kienu mexjin biex wara festi jinbdew it-toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu. Żied jgħid is-Sindku li kien hemm feedback tajjeb għat-toroq li saru fl-2018 għalkemm dejjem issib min jagħmel xorta waħda kritika distruttiva. Permessi toroq Betta, Sta Tereza, Sammat u Karmnu

**xxii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ġew nstallati 2 fanali fi Sqaq numru 2 f'Misrah tas-Suq li ntlaqaw tajjeb hafna. 2 fanali fi Sqaq numru 2 f'Misrah tas-Suq

**xxiii.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li t-tiżjin tat-toroq għal-festi kien kollu lest. Tiżjin tal-Milied

**xxiv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet email mingħand *is-Segretarju-Street Naming Committee* fejn qal li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kien ġie nfurmat rigward problema fl-isem tal-aħħar parti ta' Triq San Franġisk li tagħmel parti mal-konfini ta' Ħal Tarxien u dan peress li Triq San Franġisk skond huma kienet taqsam il-konfini mal-Fgura u b'dan l-isem hemm diġà msemmija triq oħra ġewwa Ħal Tarxien, u għaldastant il-Kumitat kien iħoss li l-aħħar parti ta' Triq San Franġisk kellu jinbidlilha isimha sabiex tiġi solvuta l-problema ta' l-isem tat-triq u b'hekk tkun tista' tiġi nnumerata wkoll. Triq San Franġisk

**xxiv.** Saret diskussjoni dwar dan u unanimament ġie riżolt li l-Kumitat għat-Tismija ta' Toroq kien żbaljat għaliex Triq San Franġisk kienet fl-intier tagħha ġewwa l-konfini ta' Ħal Tarxien fejn it-tarf tat-triq tmiss ma' Triq San Tumas.

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienet waslet email mingħand membru ta' Youth Fellowship Group fejn dawn kienu qed jistaqsu jekk il-Kunsill kellux xi żewġ kmamar li seta' jikrilhom għal darbtejn fil-ġimgħa sabiex isiru l-laqgħat tagħhom. Kmamar għal kiri

**xxiv.i** Saret diskussjoni dwar dan u unanimament ġie deċiż li l-Kunsill ma kellux għad-dispożizzjoni tiegħu kmamar li setgħu jinkrew pero setgħu jissuġġerixxu l-Każin tal-PL li jidher li kellu din id-diżpożizzjoni.

**xxv.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu waslu approvazzjonijiet dwar *traffic management* mingħand it-TM u li dawn kienu :- Talbiet TM

- Casa Mirandelle – Triq Xintill - Timed alighting and borading bay;
- RESERVED PARKING BAY - Binja Żifla, triq Madonna tar-Rużarju;
- RESERVED PARKING BAY - 33, Triq it-Tempji Neolitiċi;
- Double yellow line - Triq 29 ta' Mejju man-naħa l-oħra ta' garaxx u ħdejn "il-Girna Flats"

Il-Kunsill iddiskuta dawn il-każijiet u qal li ma kienx isib oġġezzjoni għat-talbiet ta' Triq it-Tempji Neolitiċi u Triq Madonna tar-Rużarju. Filwaqt li dwar it-talba għal double yellow line fi Triq 29 ta' Mejju man-naħa l-oħra ta' garaxx u ħdejn "il-Girna Flats" ġie deċiż li l-ewwel is-Sindku kellu jagħmel site

inspection imbagħad jirraporta fil-laqgħa li jmiss skond il-bżonn. Sadanittant dwar it-tabella għall-ħinijiet tal-Iskola li kienet ser tiftaħ fi Triq Xintill saret diskussjoni u bi qbil unanimu l-Kunsill iddeċieda li ż-żebgħa issir mill-ħaddiema tal-Kunsill filwaqt li konna ser nordnaw it-tabella u imbagħad jintbgħat il-kont lil TM.

**89.4 Għażla ta' 2 Kandidati għall-mili taż-żewġ vakanzi għall-Asst. Skrivan** 2 Kandidati għall-Asst. Skrivani Skala 16

**i.** Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kienu saru l-interviews sabiex jimtlew iż-żewġ vakanzi għall-Assistenti Skrivani. Żied jispjega s-Sindku li kienu ntgħażlu żewġ kandidati u li fil-jiem li ġejjin konna ser nikkonfermawlhom d-data tal-bidu ta' mpjieg.

**89.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**89.6 Rapporti** Rapporti ta' Kull kwart tas-sena sa' Settembru 2018

i. Ġew imressqa r-Rapporti għal kull kwart tas-sena sa' Settembru 2018. Dawn ġew diskussi mill-Kunsill u ġew approvati unanimament. Dawn ir-rapporti ġew iffirmati mis-Sindku s-Sur Paul Farrugia u mis-Segretarju Eżekuttiv is-Sna Antonella Galea.

**89.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

**i.** Ġiet mressqa l-iSkeda ta' Pagamenti Nru.74/07. Din l-iSkeda ġiet approvata b'mod unanimu u ġiet iffirmata mis-Sindku, mis-Seg. Eżek. u minn żewġ Kunsilliera.

**89.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sotto Kumitati**

**i.** Ma kienx hemm x'jiġi rrapurtat.

**89.9 Mozzjonijiet**

**i.** Ma kienx hemm Mozzjonijiet imressqa sa mhux iktar tard minn 6 ijiem mid-data ta' din il-laqgħa.

**89.10 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

**i.** Il-laqgħa ntemmet fis-7.20PM.

**ii.** Laqgħa oħra ser tinżamm nhar it-Tlieta 15 ta' Jannar 2019 fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| ______________________ | ______________________ |
| **Kav. Paul Farrugia KLJ CMLJ** | **Sna. Antonella Galea** |
| **Sindku** | **Seg. Eżek** |